MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2008

Numru. 9/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maria Stella Cutajar)**

**vs**

**JAMES CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom James Camilleri, ta' 20 sena, bin George u Josephine nee' Zammit, imwieled U.K., data tat-twelid nhar 1 ta' Mejju, 1983 u joqghod Nirvana, Triq l-Isparvier, Ghaxaq, bin-numru ta' l-Identita': 136493(M) gie akkuzat talli:

a) Nhar l-20 ta' Novembru, 2003 ghall-habta ta' 9:30 A.M. gewwa Hal Qormi bil-hsieb li jikkommetti serq

ta' 'stereo' minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAJ-301 ghamla Peugeot 205 ta' kulur isfar ghad-dannu ta' Michael Zarb, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, liema tentattiv ta' serq hu kwalifikat bil-mezz, l-ammont u l-haga misruqa;

b) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 Maltin meta ghamel hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAJ-301 ghamla Peugeot 205 ta' kulur isfar ghad-dannu ta' Michael Zarb;

c) Aktar talli fiz-zminijiet ta' qabel din id-data minn gewwa l-Fgura ikkommetta serq ta' 'stereo' u oggetti ohra minn go vettura, bin-numru tar-registrazzjoni u ghamla mhux maghrufa liema valur huwa ammontabbli ghal aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 Maltin liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u l-haga misruqa;

d) Aktar talli fl-istess data u qabel din id-data f'dawn il-gzejjer sew jekk f'Malta jew barra minn Malta xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod li jkun indahal biex ibighhom jew imexxihom.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol. 3 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-akkuza d) migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, hija akkuza alternattiva ghall-akkuzi a) u c) li jirrigwardaw serq, u konsegwentement talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza d) migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi a), b) u c) migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi a), b) u c) migjuba kontra tieghu.

Innuntat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Connie Fenech li hi staff mill-Komunita' Santa Marija iddikjarat li l-imputat ghadu residenti fil-Komunita' Santa Marija wara li spicca b'success il-programm kontra l-vizzju tad-droga madwar hames xhur ilu u infatti llum sab xoghol u qieghed jahdem regolarment.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271(g), 278(3), 279, 280(2) u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat James Camilleri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi a), b) u c) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum minn Connie Fenech u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat James Camilleri ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat James Camilleri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward l-akkuza d) migjuba fil-konfront tal-istess imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-

Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija akkuza d) migjuba kontra l-imputat.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat James Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------